**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Supretendent James Grech**

**vs**

**Curtis Bakoush**

**Illum, 29 ta' Lulju, 2022**

Il-Qorti,

Rat lil Curtis Bakoush ta' 28 sena, bin Ali Abdullah Omer u Jane nee Zammit imwieled il-Pietà fit-28 ta' Lulju 1989 u residenti 60, Flat 1 Triq l-Isptar Valletta u detentur tad-dokument bin-numru 340689M.

Akkuzat talli

1. Nhar l-01 t'Ottubru 2017 ghal habta tas-7pm gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Sta Venera, ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Doris Mallia ta' 77 sena u cioe' persuna anzjana li ghalqet l-eta ta' sittin sena ikkwalifikat bil-valur u bil-hin.

2. Nhar il-11 t'Ottubru 2017 ghal habta tal-107am gewwa Triq Santa Marija B'Kara, ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Maria

Concetta Theuma ta' 82 sena u cioe' persuna anzjana li ghalqet l-eta ta' sittin sena ikkwalifikat bil-valur.

3. Nhar it-13 t'Ottubru 2017 ghal habta tas-7.45pm gewwa Triq Fleur de-Lys B'Kara, ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Francesca Rapa ta' 75 sena u cioe' persuna anzjana li ghalqet l-eta ta' sittin sena ikkwalifikat bil-valur u bil-hin.

4. Nhar l-14 t'Ottubru 2017 ghal habta tas-2.10pm gewwa Triq l-Isqof Labini, B'Kara, ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Marion Grech ta' 43 sena liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Marion Grech hekk skont kif iccertifikat Dr. F. Camilleri (Med Reg No. 5816) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana.

6. Nhar il-15 t'Ottubru 2017 ghal habta tal-10am gewwa Triq Fleur de Lys Sta Venera, ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Maria Anna Briffa ta' 60 sena u cioe' persuna anzjana li ghalqet l-eta ta' sittin sena ikkwalifikat bil-valur.

7. Nhar it-02 ta' Novembru 2017 ghal habta tal-12:15pm gewwa Triq il-Kbira B'Kara, ikkommetta serq ta' brazzuletta minn fuq il-persuna ta' Rosaria Borg ta' 71 sena u cioe' persuna anzjana li ghalqet l-eta ta' sittin sena ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur.

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Rosaria Borg hekk skont kif iccertifikat Mr. Neville Vassallo (Med Reg No. 2500).

9. U aktar talli b'hekk ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' disa xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr. T. Micallef Trigona nhar il-15 ta' Gunju 2016.

10. U aktar talli b'hekk ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' tlett xhur prigunerija sospizi ghal sena moghtija lilu mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech nhar il-17 ta' Mejju 2017.

Il-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat Curtis Bakoush bhala recidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi definittivi moghtija lilhu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu..

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 11 ta' Novembru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' Spettur James Grech, Dr Francesca Camilleri, Mr Neville Vassallo, Doris Mallia, Maria Concetta Theuma, Francesca Rapa, Marion Grech, Maria Anna Briffa, Rosaria Borg, Salvina Grech, Martin Stevens, esperti mahtura u xhieda ohrajn

**Ikkunsidrat**

**L-ispettur James Grech** xehed u qal li fl-1 t'Ottubru 2017, Doris Mallia għamlet rapport li waqt li kienet ġewwa Triq il-Kbira, San Guzepp ġewwa Sta Venera, gie xi hadd minn wara u ġibed il-gizirana minn ghonqa u ħarab ghal triq ohra. Din il-persuna kienet libsa flok blu u mill-investigazzjoni tal-Pulizija li għamlet ingabru xi filmati tas-CCTV halli jiġi identifikat din il-persuna. Fil-fatt inġabru xi filmati u ġew esebieti bhala dok JG4 u nħarġu xi stills minnhom (dok JG 6). Mill-filmat deher ukoll din il-persuna tigri u kien hemm vettura tal-għamla Vitz li baqghet issuq b'din il-persuna tagħmel sinjal biex tkompli timxi. Illi din il-persuna li kienet qiegħda tidher tigri giet identifikata bħala l-aggressur u cioè l-imputat. Irriżulta li din il-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni CRN 288 kienet ta' oħt l-imputat li kien jaghmel użu minnha hu wkoll. Gara li persuna oħra fil-11 t'Ottubru għamlet rapport ċertu Maria Concetta Theuma waqt li kienet fi Triq Santa Maria ġewwa B'Kara ġie ġuvni fuqha u tefghaha fl-art u serqilha l-ġiżirana minn għonqa. Gara li persuna li kienet fuq il-post ċertu Martin Stevens lemaħ vettura Toyota Vitz griża tagħmel u-turn fejn dan sema li xi hadd jgħajjat ħalliel, ħalliel. Illi wkoll

fit-13 t'Ottubru 2017 sar rapport ieħor ta' serq minn fuq il-persuna ta' Francesca Rapa minn ġewwa Fleur-de-Lys fejn l-aggressur ġie minn warajha u beda jissielet magħha u hadilha l-ġiżirana minn ghonqa. Ġie deskritt bħala raġel qsajjar u samrani. Illi f'dan il-każ gew elevati filmati u stills minnhom (dok JG8 sa JG12). Illi f'dan il-każ l-ispettur ma kienx ċert jekk kienx l-imputata bħala l-aggressur. Illi wkoll fl-14 t'Ottubru daħal rapport ieħor fejn vittma oħra sofriet aggressjoni simili għall-oħrajn fejn f'dan il-każ certu Marion Grech ta' 42 sena kienet fil-karozza m'omma u dak il-hin dahhal rasu l-aggressur u ġibed il-ġiżirana li kellha. F'dan il-każ id-deskrizzjoni li tat ta' din il-persuna kienet waħda samrani mhux twil u kien libes flok griż. F'dan il-każ ingabar CCTV u jidher fih l-imputat Curtis Bakoush jiġri minn fejn sehh il-każ. Ġew preżentati r-rapporti u dokumenti oħra inkluż filmat tas-CCTV. Ġie preżentat envelop Dok JG16 li jikkontjeni sebgħa still li ġew meħuda mill-filmat tas-CCTV.

Waqt li fil-15 t'Ottubru daħal rapport ieħor li sehh każ ta' serq ġewwa Triq San Guzepp il-Kbira f'Santa Venera fejn Maria Anna Briffa spjegat li persuna samrani gibdilha l-gizirana minn ghonqa. Ingiebu filmat iehor u kien jidher l-imputat miexi u jerga' jdur lura u jinzel (ara dok JG18 u dok JG19).

Minn hemm il-Pulizija tablet mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat izda ma nstabx fl-indirizz ta' fejn kien jghix m'ommu. Fis-19 t'Ottubru l-Pulizija elevaw il-vettura tal-ghamla Toyota Vitz.

Gara li fit-2 ta' Novembru 2017 rega' dahal rapport iehor fejn fi triq il-Kbira gewwa B'Kara fejn Rosaria Borg ta' 71 sena spjegat li kienet gewwa l-hanut taghha u dahal wiehed u talab biex issarflu l-flus. Meta qaltlu li ma kellhiex ta' daqqa fuq wicca fejn sofriet griehi hfief fejn prova jisirqilha gizirana li kellha fuq ghonqa u anki issielet maghha sabiex ikun jista' jehoda. Fil-filmat tas-CCTV li ngabar (dok JG23) deher l-imputat miexi lejn il-hanut u ftit sekondi wara deher fid-direzzjoni opposta.

Illi biex waslu għall-arrest ħareġ li l-karozza li ġiet uzata kellha affarijiet simili ghal dik li dehret fil-filmat. Din l-analiżi li saret fuq il-karozza ġie preżentat dokument JG24. Irriżulta wkoll li fiż-żmien li kienu sehhew dawn is-serqiet

kien jaħdem mal-Maypole izda f'dawk il-ġranet kien bil-leave u ftit wara waqaf jaħdem minn magħhom ukoll. L-imputat ġie arrestat fil-5 ta' Novembru wara li kien gie misjub kwazi mejjet mill-Pulizija fejn ittiehed l-isptar. Fil-fatt kien gie arrestat fl-10 ta' Novembru wara li hareg mill-isptar. Huwa rrilaxxa stqarrija u ghalkemm ra r-ritratti kien qal li hu ma ghamel xejn. Gew esebieti diversi dokumenti fosthom shorts u flokk.

Xehdet **Dr Francesca Camilleri** li hija tabiba fejn ikkonfermat iċ-ċertifikat mediku dok JG 14 fejn inħareġ fil-konfront ta' Marion Grech li kellha ġrieħi ħfief.

Xehdet **Marion Grech** fejn qalet li kienet għamlet rapport mal-Pulizija li waqt li kienet ġewwa B'Kara tiekol fil-karozza, persuna dahhal rasu fil-karozza żamm idejha u bl-oħra ġibed il-ġiżirana tad-deheb. Hija għarfet lill-imputat u anki meta rat ir-ritratti minn naha tal-Pulizija li kienu urewha diversi ritratti. Hija ikkonfermat li meta bdiet tara r-ritratti l-ewwel għarfet lill-imputat imma xagħru kien differenti u kienet hi stess li reġgħet marret għar-ritratti u għarfet lill-imputat.

Xehdet **Salvina Grech** fejn qalet li madwar xahar qabel kienet mat-tifla taghha fil-karozza gewwa B'Kara. F'daqqa wahda gie wiehed fuqha fejn b'id wahda zamm idejha u bl-ohra beda jigbed il-gizirana. Wara li ha l-gizirana telaq jigri. Hija gharfet lill-imputat bhala l-persuna li seraq il-gizirana.

Xehed il-**Professur Neville Vassallo** permezz ta' affidavit fejn ikkonferma li kien hareg certifikat mediku lil Rosaria Borg fejn kellha griehi hfief mal-wicc u mal-ghonq.

Xehed **Dr. Alexander Scerri Herrera** fejn esebixxa traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat (a fol 82) u giet immarkata bhala dok ASH1.

Xehed **l-ispettur James Grech** fejn esebixxa ritratt formanti parti minn dok JG 19 u gie mmarkat bhala dok JG19a.

Xehed il-**Professur Neville Vassallo** fejn ikkonferma ic-certifkat mediku dok JG21 a fol 74 mahruh lill-Rosaria Borg.

Xehdet **Maria Anna Briffa** fejn qalet li fil-15 t'Ottubru tas-sena 2017 kienet gewwa Sta Venera gie xi hadd minn wara u serqilha l-gizirana izda ma kellhiex hin tara lil din il-persuna. Din il-gizirana kienet tad-deheb.

Xehdet ukoll **Francesca Rapa** fejn qalet li fit-13 t'Ottubru 2017 kienet gewwa B'Kara fejn hasset lil xi hadd jigbidha minn wara u serqilha l-gizirana. Din il-gizirana kienet tad-deheb fejn giet murija ritratt dok FR1 a fol 92 tal-process li l-valur tac-chocker kien ta' elf elf euro u fuqhom.

Xehed **Martin Stevens** fejn ikkonferma li Maria Concetta Theuma hija girien tieghu. Kien sar rapport minhabba li waqt li kien diehel id-dar sema lis-sinjura tghajjat u kif hareg jittawwal ra persuna qieghda tigri. Kien ra karozza li kienet fil-kantuniera Toyota Vitz jew Yaris ta' lewn griz. Huwa ra din il-persuna sejra lejn din il-karozza u telqet. Huwa kellem lis-sinjura u qaltlu li kienu serqula l-gizirana. In kontro-ezami qal li kien sema lil gara tghajjat 'halliel, halliel'. Huwa zied li kien jahseb li l-persuna telghet fil-vettura li kien hemm fuq il-post.

Xehdet **Rosaria Borg** fejn qalet li f'Novembru 2017 waqt li kienet gewwa B'kara fil-hanut taghha dahlet persuna fejn talbita jekk tistax issarraf xi flus. Kif kienet bil-wieqfa gie fuqha u hatafha u kellu xi haga taqta u ta daqqa fuq wiccha u l-gizirana bis-salib li kien hemm maghha waqghet fl-art. Kull ma ha kienet ic-cappetta li kellha f'idejha li kienet tad-deheb. Hija konfermat li kien l-imputat li dahal fuqha fejn kienet gharfitu ghax ftit qabel ma sehh il-kaz kienet kelmitu. Meta mistoqsija jekk ratx xi ritratti hija konfermat li kienu urewha ritratt wiehed izda ma kenitx tiftakar jekk kienx fuq facebook izda qatt ma kienet marret gewwa d-Depot jew inkella li xi hadd uriha dawn ir-ritratti.

Xehdet **Doris Grima** (fix-xhieda taghha indikat li kunjoma huwa Mallia) fejn qalet li fl-1 t'Ottubru 2017 kienet hdejn tas-social services gewwa Sta Venera. Gie xi hadd minn warajha fejn pogga idejh fuq l-ispalla u nehha l-gizirana li kellha. Wara huwa gera u griet warajh fejn qabez ic-cint.

Xehed **Dr Alexander Scerri Herrera** fejn ipprezenta tlett kopja ta' traskrizzjoni.

Xehdet **Maria Concetta Theuma** fejn qalet li fil-11 t'Ottubru waqt li kienet mixja hasset li xi hadd idawwara. Kif dahret sabet persuna ma' wiccha u serqilha s-salib mal-gizirana wkoll. Dan il-kaz gara gewwa B'Kara fejn qalet li din il-persuna kienet ta' karnagon skur.

Xehed ukoll **Dr. Mario Buttigieg** fejn esebixxa r-rapport dok MU1 fejn ezamina l-vettura CRN 288. Din il-vettura hija tal-ghamla Toyota Yaris. Huwa seta' jikkonkludi li huma tal-istess mudell izda li hu ma jistax jaccerta li l-vettura fir-ritratti hija l-istess wahda li huwa ezamina.

Xehed ukoll **PC 477 Kyle Bugeja** fejn qal li kien stazzjonat gewwa l-Forensika. Huwa esebixxa download forms biex jindikaw il-footages minn fejn ittiehdu (a fol 272 et seq).

Xehed rega **l-ispettur James Grech** fejn esebixxa diversi sentenza fil-konfront tal-imputat (a fol 278 et seq).

Xehedet **Joanna Farrugia** li tahdem fid-Dipartiment tal-Probation u Parole fejn spjegat li l-imputat rega' beda jabbuza mid-droga wara li hareg mill-isptar.

Illi fix-xhieda tiegħu **l-ispettur James Grech** ppreżenta informazzjoni ulterjuri fejn għamel investigazzjoni fuq l-istess rapport li kienu saru u minn fejn kienu ttieħdu d-dawnlowds tal-filmati. Dan ir-rapport ġie esibitt bħala dok POL8.

Illi wkoll xehed **Donald Tabone** li kien ġie mqabbad sabiex jeżamina CCTV footages u esebixxa r-relazzjoni tiegħu a fol 399 bħala dok DT1.

Rat in-nota tar-Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru, elfejn u tmintax (2018) fejn huwa dehrlu illi mill-Kompilazzjoni tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taht dak li hemm maħsub:

1. Fl-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 261(c), 267, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Fl-Artikoli 261(a)(c), 262(1)(a)(2), 267, 274(c), 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. Fl-artikoli 261(a)(c), 262(1)(a)(2), 267, 274(c), 276A, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Fl-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
10. Fl-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Kif ukoll fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li nhar l-2 ta' Dicembru 2018 inqraw l-Artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jikkoncerna diversi serqiet li sehhew fuq persuni li l-maggor parti kienu anzjani fejn l-imputat allegatament seraq minn fuq il-persuna taghhom xi gizirana jew oggett iehor ta' valur. Illi hareg kemm mix-xhieda tal-istess vittmi u mill-investigazzjoni tal-Pulizija li l-aggressur kien jaghzel il-vittmi tieghu b'mod akkurat biex jara li dawn ghandhom xi haga ta' valur fuq il-persuna taghhom u dan specjalment mdawwar m'ghonqom. Illi l-mod kif kienet issir l-aggressjoni kienet li kien jigi minn wara u jigbed il-gizirana bil-konsegwenza li kient tinqata' u jibqa sejjer biha. Illi f'kaz partikolari minnhom fejn allegatament l-imputat dahal f'hanut u prova jisraq il-gizirana minn fuq il-persuna tal-vittma bil-konsegwenza li f'dan il-kaz il-vittma sofriet ukoll daqqa fuq rasha sabiex ikun jista' jisraq il-gizirana.

Illi għalhekk il-Qorti sabiex tasal għal konklużjoni jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tistax tasal għal konklużjoni li kien l-imputat jew li taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda

dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

**Ikkunsidrat**

Illi ghalhekk wara din l-esposizzjoni legali, mill-fatti u x-xhieda li ghandha quddiema din il-Qorti trid tasal ghal konkluzzjoni jekk fil-fatt l-imputat kienx il-persuna nvoluta f'dawn is-serqiet. Illi dan il-kaz huwa mibni in parti fuq provi indizzjarji fejn fuq numru ta' filmati li gew imnizzla mis-sistema ta' CCTV waslu sabiex tigi identifikata persuna li setghet kienet involute f'dawn is-serqiet. Illi f'dan il-kaz f'numru ta' serqiet li sehhew gew analizati xi filmati fejn skont l-istess ufficjal prosekutur seta' jaghraf lil dik il-persuna li tidher

fil-filmati partikolari bhala l-imputat. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tifli dawk il-kazijiet ta' serq li qieghed jigi adebitat bihom l-imputat. Illi mill-provi mresqa l-prosekuzzjoni qieghda tistrieh ukoll fuq provi indizjarji sabiex torbot lill-imputat mad-diversi serqiet li sehhew. Illi qabel din il-Qorti sejra tidhol fil-kazijiet ta' serq li ghandha quddiema illi tajjeb li ssir analizi ta xi gurisprudenza f'pajjizna li dahlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci. Kif gie deciz fl-ismijiet r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-kaz fl-ismijiet Pulizija vs Paul Grech deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

> *'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-kaz Pulizija vs James Abela deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

> *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-*

> *fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

> *'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Harsa wkoll dak li jghid il-gurista Ingliz, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' taghha qal hekk:

> *'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of… (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

**Ikkunsidrat**

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tibda tanalizza kemm minn dak li hareg mill-filmati tas-CCTV kif ukoll mix-xhieda tal-istess vittmi.

**Serqa ghad-detriment ta' Doris Mallia**

Illi f'dan il-kaz Doris Mallia waqt li kienet fi Triq il-Kbira San Guzepp gewwa Sta Venera hdejn il-post maghruf tas-social services. Fil-mument li hija kienet miexja hasset lil xi hadd jitfa idejh fuq l-ispalla taghha. F'dak il-mument hasset li xi had kien gibed il-gizirana li kellha. Kif l-aggressur telaq jigri hija griet warajh fejn f'mument wara li griet warajh ratu jgholli idejh 'il fuq u lemhet karozza griza wkoll fit-triq. Mela f'dan il-kaz, il-vittma ma gharfietx min kienet din il-persuna izda mill-filmati li gew esebieti hemm filmat dok JG5 li juri ezatt kif il-vittma tat fid-deskrizzjoni taghha meta huwa harab bil-gizirana fejn jidher b'mod car jigri 'l isfel magenbu tidher vettura ta' lewn griz u jgholli idejh il' fuq. Illi bla dubju ta' xejn il-mument kemm tal-hin u kif tat id-deskrizzjoni l-istess vittma huwa bla dubju ta' xejn l-istess persuna li wettaq ir-reat. Illi pero mhux bizzejjed jinghad li l-persuna li tidher fil-filmat hija l-imputat ghaliex mix-xhieda tal-istess Doris Mallia ma semmiet xejn li kien l-imputat u ghalhekk din il-prova li tidher fil-filmat kienet l-istess persuna li wetqet ir-reat mhux bizzejjed. Illi ghalhekk f'dan il-kaz ma kien

hemm ebda xhud iehor li seta' jpoggi lill-imputat fil-post u fil-hin li twetqet din is-serqa. Illi dan il-fatt johrog biss mill-istess xhieda tal-istess Spettur Grech li indika dik il-persuna li qieghda tigri bhala l-imputat. Illi dan il-fatt juri bic-car li waqt il-harba minn fuq il-post tal-aggressur wara s-serqa u bil-gesti li ghamel b'idejh li harget ukoll mix-xhieda tal-istess Doris Mallia bla dubju ta' xejn kienet l-istess persuna. Illi ma dan ghandu jinghad li mill-istess filmat kien l-istess Spettur Grech li gharaf lill-imputat li kienet l-istess persuna li tidher fil-filmat. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn din il-prova twassal li din il-Qorti fil-konkluzzjoni li kien l-imputat li kkommetta dan ir-reat kontra Doris Mallia.

**Serqa minn fuq Maria Concetta Theuma**

Illi f'dan il-kaz ma kienx hemm filmati li setghu jaghtu aktar hjiel x'seta gara dakinhar tas-serqa. Illi ghalkemm il-vittma tat deskrizzjoni tal-persuna izda f'ebda hin ma qalet li kien l-imputat li wettaq is-serqa tal-oggett prezzjuz. Illi f'dan il-kaz ghalkemm kien hemm xhud iehor li kien fil-vicin tal-aggressjoni ma semma xejn li kien l-imputat li wettaq din is-serqa. Illi f'dan il-kaz il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li kien l-imputat li wettaq din l-aggressjoni ghaliex fic-cirkostanzi tal-kaz ma hemm xejn li seta' jindika b'mod uniku li kien l-imputat.

**Serqa minn fuq il-Persuna ta' Francesca Rapa**

Francesca Rapa qalet li fit-13 t'Ottubru 2017 kienet gewwa B'Kara fejn hasset lil xi hadd jiġbidha minn wara u serqilha l-ġiżirana. Din il-gizirana kienet tad-deheb fejn giet murija ritratt dok FR1 a fol 92 tal-process li l-valur tac-chocker kien ta' elf elf euro u fuqhom. Illi f'dan il-kaz l-istess vittma ma setghetx taghti deskrizzjoni tal-persuna u lanqas gharfet lill-imputat bhala l-persuna li kien serqilha l-gizirana. Illi f'dan il-kaz ghalkemm gew elevati filmati tas-CCTV, hareg mill-istess investigazzjoni li ma kienx hemm prova car li fil-fatt kien l-istess imputat li wettaq din is-serqa. Illi anki l-istess ufficjal investigattiv ma setax jikkonkludi b'certezza li kien l-imputat u ghalhekk fuq nuqqas ta' provi cari ma tistax issib htija tal-imputat fuq din is-serqa.

**Serqa minn fuq il-persuna ta' Marion Grech**

Illi f'dan il-kaz Marion Grech qalet li kienet għamlet rapport mal-Pulizija li waqt li kienet ġewwa B'Kara tiekol fil-karozza, persuna dahhal rasu fil-karozza żamm idejha u bl-oħra ġibed il-ġiżirana tad-deheb. Illi hawnhekk il-vittma gharfet lill-imputat bhala l-persuna li wettaq is-serqa tal-gizirana taghha. Illi f'dan il-kaz kien hemm xhud iehor li gharaf lill-imputat bhala l-persuna li wetqet is-serqa u din kienet omm il-vittma li kienet maghha. Hawnhekk kagun tal-aggressjoni l-vittma sofriet griehi hfief minhabba dak li gara u dan kif gie certifikat mit-tabib Francesca Camilleri. Illi wkoll mill-investigazzjoni li ghamlu mill-Pulizija irrizulta mill-filmati tas-CCTV li l-unika persuna li ghaddha minn hemm kien l-istess imputat u ghalhekk minn dak li qal l-istess Spettur li qal li ilu jaf lill-imputat ghal madwar sebgha snin seta' facilment jaghraf lill-imputat u dan kif deher fil-filmat esebit f'dok JG15 u dok JG16. Illi hawn il-Qorti bla dubju ta' xejn ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni li kien l-imputat li wettaq din is-serqa

**Serq minn fuq il-Persuna ta' Maria Anna Briffa**

Maria Anna Briffa qalet li fil-15 t'Ottubru tas-sena 2017 kienet gewwa Sta Venera gie xi hadd minn wara u serqilha l-gizirana izda ma kellhiex hin tara lil din il-persuna. Din il-gizirana kienet tad-deheb. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara minn cirkostanzi ohrajn sabiex tasal ghal konkluzzjoni dwar jekk f'dan il-kaz kienx l-istess imputat li kommetta dan ir-reat jew le. Illi f'dan il-kaz il-vittma ma setghetx taghti wisq informazzjoni jekk fil-fatt kienx l-imputat. Illi pero minn din l-investigazzjoni l-istess ufficjal investigattiv matul il-kors tal-investigazzjoni elevaw filmat tas-CCTv sabiex jaghti aktar informazzjoni ta' x'seta gara dakinnhar. Illi minn dak li qal l-istess ufficjal investigattiv fuq il-filmat (ara dok JG 18). Illi f'dan il-kaz, l-istess ufficjal investigatur gharaf lill-imputat minn dan il-filmat fejn deher fil-hin indikat mill-istess vittma. Illi ma kien hemm l-ebda persuna li tidher fil-filmat. Illi pero din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li ghalkemm bla dubju ta' xejn kien l-imputat li jidher fuq il-filmat ma jistax jinghad b'certezza assoluta li kien l-istess persuna li wettaq ir-reat u ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti ma tistax issib htija.

**Serqa minn fuq il-persuna ta' Rosaria Borg**

Rosaria Borg qalet li f'Novembru waqt li kienet gewwa B'kara fil-hanut taghha dahlet persuna fejn talbita jekk tistax issarraf xi flus. Kif kienet bil-wieqfa gie fuqha u hatafha u kellu xi haga taqta u ta daqqa fuq wiccha u l-gizirana bis-salib li kien hemm maghha waqghet fl-art. Kull ma ha kienet ic-cappetta li kellha f'idejha li kienet tad-deheb. Illi matul il-proceduri hija gharfet lill-istess imputat li kienet l-istess persuna li dahlet ghal fuqha. Dan kompliet tghid li kellha hin biex tgharfu ghal ragini li ftit qabel ma sehh il-kaz kienet qieghda titkellem mieghu. Illi gie suggeriet lilha li b'xi mod hija setghet influwenzat lilha nnifisha meta urewha ritratt tal-imputat. Illi pero ghandu jinghad li f'dan il-kaz Rosaria Borg baqghet b'insistenza tghid li kien l-imputat li dahal ghal fuqha u qatt ma rat ritratti minn naha tal-Pulizja bil-mod kif xehdet. Illi wkoll hareg li l-istess imputat kien fil-vicinanzi tal-istess hanut meta fil-filmat tas-CCTV li ngabar (dok JG23) deher l-imputat miexi lejn il-hanut u ftit sekondi wara deher fid-direzzjoni opposta. Illi anki hawn fuq ix-xhieda mghotija din il-Qorti tara li fil-fatt kien l-istess imputat li dahal fuq il-persuna ta' Rosaria Borg u serqilha l-gizirana u konsegwenza ta' dan sofriet griehi hfief.

**Ikkunsidrat**

**L-Aggravji**

Illi hareg fic-car li l-imputat kien involut f'diversi serqiet li gew elenkati hawn fuq u dan ghajr ghal dak li hemm fis-serqiet li huma enumerati numru tnejn (2), tlieta (3) u sitta (6). Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn din il-Qorti qeghda ssibu hati ta' dawn is-serqiet li gew orkestrati mill-istess imputat u seta' kien il-kaz li kien gie mghejjun minn persuna jew aktar f'dan il-kaz bil-prezenza ta' karozza ta' lewn griz.

Illi skont in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali fl-artikoli li huwa elenka jekk tistax tinstab htija tahtom jew le. Illi huwa ben risaput li l-Qorti hija marbuta bl-artikoli li jkunu hareg l-Avukat Generali sabiex tasal ghal sejbien ta' htija jew le. Illi kif inghad fuq din il-Qorti wara li fliet il-provi kollha tara li l-imputat kien involut fis-serqiet li huwa qieghed jigi akkuzat bihom li huma l-akkuzi

numru wiehed (1), erbgha (4) u sebgha (7) izda mhux f'dak li hemm fl-akkuzi numru tnejn (2), tlieta (3) u sitta (6).

**L-Aggravji tal-hin u valur fis-serqa ghad-detriment ta' Doris Mallia – akkuza numru wiehed (1)**

Illi l-Avukat Generali ghogbu jzied mal-akkuzi tas-serq l-aggravji li huma s-segwenti li japplikaw ghal akkuzi numru wiehed (1) dak tal-valur u l-hin. Illi fis-serqa li saret ghad-detriment ta' Doris Mallia hareg li skont ma qalet hi stess din is-serqa sehhet ghgal habta tas-sebgha ta' fil-ghaxija. Illi pero jidher li mill-istess ritratti mehuda mill-filmat tas-CCTV ma jidhirx li kien dalam izda kien jidher li ghad hemm dawl u ghalhekk ma kienetx ghada nizlet ix-xemx sabiex dan l-aggravju jkun pruvat. Illi ghalhekk f'dan il-kaz l-aggravju tal-hin ma jissusithiex f'dawn ic-cirkostanzi. Illi ghalhekk jibqa' l-aggravju tal-valur. Illi hawnhekk l-unika prova tal-valur li tresqet kient dak li qalet l-istess vittma. Dan ghal fatt li l-oggett li gie misruq kien ilu fil-pussess taghha u ma kienx hemm ricevuti li juru l-valur tieghu kemm kien. Illi pero din il-Qorti tara li l-unika prova tal-oggett huwa wkoll ritratt. Issa skont is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Cutajar il-Qorti tal-Appell (deciza nhar it-23 ta' Settembru 2005 mill-Imħallef Vincent Degaetano) irriteniet is-segwenti:

> *"Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kuljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara (jew tal-valur ta' l-oggett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-ligi (ez. jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9)…"*

Illi mill-assjem tal-provi jidher li l-aggravju tal-valur tal-oggett misruq gie sodisfacatament pruvat.

**L-Aggravji tal-vjolenza u valur fis-serqa ghad-detriment ta' Marion Grech – akkuza numru erbgha (4)**

Illi minn dak li qalet l-istess Marion Grech li hija kienet sofriet griehi hfif kagun tal-fatt li l-imputat kien seraq l-oggett minn ma' ghonqa. Illi dawn il-giehi li kellha gew certifikati mit-tabiba Francesca Camilleri fejn kienet ikkonfermat matul dawn il-proceduri il-hrug tac-certifikat mediku. Illi jinghad li skont l-artikolu 261(a) u cioe' l-aggravju tal-vjolenza jaghmillha cara fl-istess artikolu 262(1)(a) id-definizzjoni tal-vjloenza li f'dan il-kaz tinkwadra u ghalhekk dan l-aggravju gie pruvat minn naha tal-prosekuzzjoni. Illi ghal dak li jirrigwarda l-aggravju tal-valur, f'dan il-kaz ma ngiebet ebda prova dokumentata jew xi valutazzjoni tal-oggett misruq izda dak li qalet l-istess vittma. Illi f'dan il-kaz Marion Grech qalet li ma kienet taf xejn fuq il-valur taghha ghax kien rigal. Illi ghalhekk f'dan il-kaz lanqas ma gie muri xi ritratt tal-oggett misruq sabiex anki din il-Qorti kienet tasal ghal valur taghha. Illi dan ma sehhx u ghalhekk din il-Qorti tara li l-aggravju tal-valur ma giex ippruvat f'dan il-kaz.

**L-Aggravji tal-vjolenza u valur fis-serqa ghad-detriment ta' Rosaria Borg – akkuza numru sebgha (7)**

Illi f'dan il-kaz, Rosaria Borg irrakontat kif l-imputat dahal fuqha waqt li hija kienet gewwa l-hanut taghha stess fejn bi skuza li ried isarraf xi flus spiccat qalghet daqqa fuq wiccha. Illi minhabba l-aggressjoni taghha spiccat fl-art u rnexxielu jiehu minn fuq il-persuna taghha cappetta li hija kellha izda mhux il-gizirana u s-salib li kien maghha meta waqqghu fl-art. Illi minn dak li qalet u anki mic-certifikat mediku li nhareg kagun tal-agir abbuziv tal-imputat, kellha griehi hfief waqt li kienet qieghda ssir is-serqa fuqha. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn din il-Qorti tara li l-aggravju msemmi dwar il-vjolenza giet pruvata fil-konfront tal-imputat. Illi ghalhekk jibqa' jekk l-aggravju tal-valur jistax jigi pruvat mill-provi mressqa. Illi kif inghad qabel f'kazijiet ohra f'dan il-kaz ma tresqet l-ebda prova ta' dokumentazzjoni izda sempliciment x'qalet l-istess vittma f'dan il-kaz. Illi f'dan il-kaz lanqas ma semma kemm kienet tiswa din ic-cappetta u ghalhekk ma jistax jinghad li gie pruvat l-aggravju tal-valur f'dan il-kaz.

**L-akkuzi tal-griehi hfief**

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat ukoll f'zewg akkuzi ohra li kaguna offizi hfief fuq il-persuni ta' Marion Grech kif ukoll Rosaria Borg b'mod separat in konnessjoni ma' zewg serqiet li huwa nstab hati fuqhom. Illi pero f'dan il-kaz l-Avukat Generali fin-nota ta' Rinviju tieghu ma ghamel ebda referenza ghal dawn l-akkuzi specifiki fl-artikoli li hareg. Illi wkoll jidher car anki bl-istess enumerazzjoni tal-istess artikoli qabez ghal kollox dawn l-akkuzi. Illi stante li f'dan il-kaz il-Qorti hija marbuta bl-Artikolu li jkunu inhargu mill-istess Avukat Generali fejn jidhlu l-akkuzi illi pero f'dan il-kaz il-Qorti tinnota li fiz-zewg istanzi l-akkuza tas-serq aggravati bil-vjolenza l-imputat gie misjub hati izda f'dan il-kaz b'mod separat ghal akkuzi kif dedotti ma tistax issibu hati taghhom stante li l-Avukat Generali ma ghamel ebda referenza ghalihom fin-nota tar-rinviju tieghu.

**L-akkuza numru disgha (9)**

Illi permezz ta' nota kongunta bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza li permezz taghha din il-Qorti giet infurmata li l-proceduri fil-konfront ta' din id-disgha akkuza gew decizi minn Qorti ohra. Illi ghalhekk ladarba fuq din l-akkuza gie misjub hati f'cirkostanzi ohrajn u wara dan gie konfermat permezz ta' nota, din il-Qorti mhux qieghda tiehu konjizzjoni taghha.

**L-akkuza numru ghaxra (10)**

Illi f'din l-akkuza l-imputat huwa akkuzat talli kkommetta reat waqt il-perijodu operative ta' sentenza sospiza meta kien inghata tlett xhur prigunerija sospizi ghal sena mill-Magistrat D. Frendo Dimech nhar is-17 ta' Mejju 2017. Illi mill-akkuzi li l-imputat li nstab hati jaghmlu referenza ghal perijodu bejn Ottubru u Novembru tas-sena 2017. Illi f'dan il-kaz jidher b'mod car li fejn instab hati mill-akkuzi fil-konfront ttieghu kien fil-perijodu operativ tas-sentenza sospiza li kien inghata. Illi mis-sentenza esebita li tinstab a fol 299_ tidher b'mod car li nharget fuq isem l-imputat bid-dettalji li hemm fuqha huma simili ghal l-imputat. Illi minghajr ombra ta' dubju din il-Qorti qeghda ssibu hati talli kkommetta reat waqt il-perijodu operativ tas-sentenza sospiza.

**L-akkuza fuq ir-recidiva that l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat gie akkuzat li huwa recediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mid-dokumenti esebiti a fol 278 u cioe' diversi sentenzi fil-konfront tal-imputat. Illi minn dawn is-sentenzi kien inghata sentenza sospiza fil-21 ta' Jannar 2008, sentenza ta' prigunerija fl-1 t'Awwissu 2008 fuq akkuzi ta' serq, talba ghar-revoka tal-helsien mill-arrest fejn gie ikkundannat sentenza ta' prigunerija. Waqt li f'sentenza ohra fit-3 ta' Marzu 2016 inghata sentenza sospiza ta' prigunerija. Illi jidher minn dawn is-sentenzi li l-imputat ilu jxellef dufrejh mal-gustizzja fejn inghata kemm sentenzi ta' prigunerija kif ukoll anki sentenzi ta' prigunerija sospizi. Illi f'dan il-kaz il-Qorti trid tara jekk fil-fatt l-imputat jistax jinstab hati li huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan ir-rgiward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Abela Paul moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

> *"L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
>
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... "*

Illi f'dan il-kaz gew mghoddija diversi kopji ta' sentenzi fejn l-imputat kien gie misjub hati ta' serq. Illi bla dubju ta' xejn dawn is-sentenzi kollha jindikaw li huma fil-konfront tal-imputat. Illi ghalhekk f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni mid-diversi sentenzi esebieti ipprovat li l-imputat kien recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu l-Avukat Generali ghamel referenza wkoll ghall-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz, l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet

ta' Malta gie msemmi u ghalhekk tali prova trid tingieb sabiex l-imputat ghandhux jinstab hati jew le f'dawn ic-cirkostanzi. L-artikolu 289 jaghmel referenza meta persuna f'każijiet ta' recidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu (li f'dan il-kaz fuq serq) tigi misjuba hatja l-piena tizdied. Dan l-artikolu jinstab f'parti specjali u din hija dispossizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta' reati tan-natura li jaqghu f'dan l-artikolu. Illi f'dan il-kaz, is-sentenzi esebiti fil-konfront tal-imputat kienu ta' natura ta' serq minn diversi postijiet.

Illi skont kif inhu deciz, l-imputat gie meqjus li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49 u 50. Is-sentenzi esebiti kienu jittrattaw fuq serq f'dan il-kaz l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jista jigi applikat. L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli "fil-kazijiet ta' recidiva…" u peress li r-recidiva kif definita fl-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata "tkun giet ikkundannata ghal reat…" Ghalhekk ladarba li l-imputat gie misjub li huwa recidiv skont l-artikolu 49 allura f'dan il-kaz l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali japplika wkoll. Illi ghaldaqstant a bazi tal-fatt mis-sentenzi esebieti l-imputat qieghed jigi misjub hati talli rrenda ruhhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 24B, 31, 49, 50, 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(2), 267, 270, 274(c), 276A, 277(a), 279(a)(b), 280(1),(2), 289, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhux qed issib lill-imputat Curtis Bakoush hati tat-tieni (2), t-tielet (3), l-hames (5), it-tmien (8), id-disgha (9), imputazzjoninijiet u ghaldaqstant tilliberah minnhom filwaqt li ssib lill-istess imputat Curtis Bakoush hati tal-ewwel (1), tar-raba' (4), tas-sebgha (7), tal-ghaxra (10) imputazzjonijiet u kif ukoll li irrenda ruhhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal perjodu ta' erba' (4) snin prigunerija effettiva li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-hati ghamel taht arrest preventiv.**

**Illi wkoll ai termini tal-artikoli 533 tal-Kap 9 tal-Ligijei ta' Malta din il-Qorti qieghda tikkundannah ihallas is-somma ta' elf tlett mija erbgha u tmenin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1384.81) ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-hatra ta' esperti.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**